

## *IL-ĦAJJA FIL-PARROĊĊA*

# TLIET PROĠETTI KBAR U IMPORTANTI

**Il-parroċċa, bħall-familja, dejjem jonqosha! Kif il-ġenituri kontinwament jilmħu diversi bżonnijiet f'darhom jew f'uliedhom, hekk ukoll min ikun responsabbli ta' familja kbira bħal mhi l-parroċċa, qatt ma jista' jgħid "issa ma jonqosna xejn" jew "daqshekk u biżżejjed". Il-parroċċa tagħna f'dawn l-aħħar ħames snin wettqet diversi proġetti ta' ħtieġa mportanti, kemm fil-manutenzjoni tal-knisja arċipretali u tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni, kif ukoll f'opri ġodda li għenu l-iżvilupp u l-progress pastorali, liturġiku u soċjali tal-ħajja parrokkjali. Jekk wieħed iqalleb il-paġni ta' "Leħen il-Qala" f'dawn l-aħħar snin, jiltaqa' ma' diversi rapporti u deskrizzjonijiet ta' opri kbar li saru u li qamu eluf ta' liri, frott tal-ġenerożità eżemplari tal-Qalin. Kull opra ġdida ġabet miljorament fil-parroċċa tagħna u għamlitilna unur mal-barranin. "Intom tal-Qala dejjem iżżanżnu xi ħaġa!", huwa kumment li spiss nisimgħuh min-nies ta' parroċċi oħra.**

Bħalissa l-parroċċa tagħna għandha tliet proġetti kbar quddiemha. Huma proġetti ġodda li jkompli jġibu 'l quddiem lir-raħal tagħna, kemm fl-effiċċjenza pastorali kif ukoll fil-fama tajba li għandna bħala "parroċċa attiva u progressiva". Qegħdin nirreferu għall-proġetti tat-Tkabbir taċ-Ċimiterju, Bini taċ-Ċentru Parrokkjali, u Dekorazzjoni tas-Saqaf tal-Kunċizzjoni. Magħhom nistgħu nżidu wkoll l-akkwist ta' Dar Ġdida għat-Tagħlim tad-Duttrina tal-Bniet f'Settembru li għadda, mis-Soċjetà tal-Museum (Bniet). Anke din id-dar kienet meħtieġa ħafna wara ħamsa u ħamsin sena ta' duttrina għall-bniet f'postijiet li ma kienu xejn addattati. Imma dwar l-akkwist u l-użu effiċċjenti ta' din id-dar inħallu lil tal-Museum jitkellmu huma. Aħna hawnhekk ser ngħidu xi ħaġa fil-qosor dwar it-tliet proġetti li qegħdin isiru taħt l-amministrazzjoni parrokkjali.

### IL-PROĠETT TAT-TKABBIR TAĊ-ĊIMITERJU

Dwar dan il-proġett importanti tkellimna fit-tul u bid-dettalji kollha fl-aħħar ħarġa ta' "Leħen il-Qala" (Awissu 1987). Minn dak inhar 'l hawn sar ħafna progress fix-xogħol tat-tkabbir u anke f'tiswijiet meħtieġa fil-parti l-qadima ta' l-istess ċimiterju. Nhar il-Ħadd, 1 ta' Novembru, ġiet inawgurata u mbierka l-ewwel taqsima ta' oqbra ġodda u kanerja kbira magħhom. F'din it-taqsima saru 29 qabar ġdid, b'erba' sulari kull wieħed, li





se jservu għad-dfin komuni ta' dawk li ma jkollhomx qabar privat tagħhom. Din it-taqsima diġa' bdiet tintuża, billi ma kienx baqa' oqbra tal-komun fit-taqsima l-qadima. Qed jitkompla wkoll ix-xogħol fuq il-bini ta' taqsima oħra għall-privat, li se jkun fiha 62 oqbra oħra bi tliet sulari kull wieħed. Madwar tletin minn dawn l-oqbra ġodda diġa' ġew riservati għal diversi familji li xtaqu jakkwistaw qabar, u meta jkunu lesti jsiru l-kuntratti meħtieġa biex jakkwistawhom. Huwa ttamat li l-bini ta' din it-taqsima tal-privat jitlesta sa' l-aħħar ta' din is-sena.

Mat-tlestija ta' l-oqbra ġodda jkun jonqos xogħol ieħor ta' dekorazzjoni u adattament ambjentali, bħal m'huma l-aprimorta tal-balavostri dawramejt mal-ħitan ta' barra, turġien li jgħaqqdu taqsima ma' oħra, salib monumentali kbir f'nofs iċ-ċimiterju, altar tal-ġebel għal quddies fil-beraħ, ġnien kbir bis-siġar fin-naħa tat-tramuntana taċ-ċimiterju, u ħitan b'kanċelli ġodda fil-faċċata ta' barra. Kollox ma' kollox, nittamaw li fi żmien sena jkollna wieħed mill-isbaħ ċimiterji fi gżiritna.

Diġa sar ukoll ħafna xogħol ta' tiswija u ridekorazzjoni tat-taqsima l-qadima, tant li anke din il-parti taċ-ċimiterju bilkemm għadha tingħaraf minn kif kienet. Saru passaġġi ġodda tal-concrete, tikħil u tibjid dawramejt, restawrazzjoni tal-kappella tas-saċerdoti mejtin, u tneħħija ta' oqbra qodma biex jitwessa' l-passaġġ tad-dħul għall-kumdità tal-pubbliku. Dan il-proġett taċ-ċimiterju, tant meħtieġ għal raħalna, huwa stmat li meta jitlesta jilħaq somma totali ta' madwar Lm14,000. Kellu jsir xi tibdil fil-pjanta ppublikata fl-aħħar ħarġa ta' "Leħen il-Qala", u dan sar għal raġunijiet ta' effiċċjenza u ekonomija; b'hekk ġew iffrankati madwar Lm5000 mill-istima oriġinali tal-perit. Minn dak li sar s'issa, diġa' jidher ċar li bil-għajnuna t'Alla u bil-ġenerożità tal-poplu dan il-proġett għandu jkun opra tassew sabiħa li tagħmlilna unur.

## PROĠETT TA' ĊENTRU PARROKKJALI

Igħidu li kull deni ħudu b'ġid! Il-ħsieb ta' Ċentru Parrokkjali f'raħalna ilu jberren f'moħħna għal dawn l-aħħar tnax il-sena, imma s'issa għal raġuni jew oħra ma stajna qatt naslu biex naraw il-ħolma ssir rejaltà. Fl-1980 kien sar pass konkret fl-akkwist ta' biċċa art kbira u post qadim fil-pjazza prinċipali tar-raħal, u x-xogħol kien beda'... imma għal raġunijiet serji, tekniċi u amministrattivi, ix-xogħol kellu jieqaf ħesrem. Forsi dak inhar konna għaġġilna wisq, u ma kienx hemm soluzzjoni oħra għal diversi diffikultajiet li nqalgħu. Madankollu, l-idea li xi darba l-parroċċa tagħna wkoll ikollha ċ-Ċentru tagħha ma ġietx abbandunata. Ħallejna ż-żmien jagħtina parir.

Minn dak inhar 'l hawn inbidlu ċerti ċirkostazi li fetħulna prospetti ġodda. Milli jidher wasal iż-żmien li nerġgħu nikkunsidraw bis-serjetà l-bini ta' dan iċ-Ċentru tant meħtieġ għal pastorali organizzata u effiċċjenti. L-inċident tal-post qadim li kellha l-knisja tagħna, magħruf bħala "Taż-Żgħażagħ" fi Triq Mġarr, u li fix-xitwa li għaddiet sfrondielu s-saqaf u saritlu ħsara enormi (għall-grazzja t'Alla mingħajr ma' korra ħadd!), setgħet kienet disgrazzja li għad tinbidel fi grazzja! Kien post perikoluż u għalhekk f'dawn l-aħħar sentejn ma baqax jintuża għal attivitajiet soċjali u rikrejattivi. Inċident bħal dan kien xokk kbir għalina, imma seta' kien wisq agħar minn hekk.

Minħabba ċirkostanzi li m'għandniex kontroll fuqhom, il-parroċċa jkollha taħseb malajr għal spiża oħra bla ħsieb fil-bini mill-ġdid ta' dan il-post. Din l-urġenza qegħda toffrilna wkoll ċans sabiħ li nagħtu bidu mill-ġdid għall-bini taċ-Ċentru, din id-darba fuq art tal-knisja, b'inqas spejjes u b'aktar adattament moderat għall-ħtiġijiet tal-parroċċa. Il-Presbyterium u l-Kunsill Parrokkjali fil-laqgħat tagħhom diġa' ddiskutew fit-tul din is-sitwazzjoni u l-prospetti ġodda li għandna, u qablu unanimament li għandu jsir sforz ieħor biex nibdew nibnu Ċentru Parrokkjali ieħor flok dak li kellu jieqaf erba' snin u nofs ilu. Bil-bejgħ ta' l-art li fuqha kien inbeda' l-ewwel ċentru, hemm ċans tajjeb li jsir proġett ġdid u aktar addattat ekonomikament u teknikament.



F'dawn l-aħħar xhur sar il-ħatt u tindif tal-post imġarraf, li flimkien mal-biċċa raba' ħdejh u l-maħżen tal-armar tal-festa joffru spazju mdaqqas għall-bini taċ-Ċentru l-ġdid. Fil-pjanti mfassla mill-Perit Guido Vella

qegħda ssir ekonomija tajba mill-ispazju kollu disponibbli biex ikollna Ċentru Parrokkjali komplit. Dan il-proġett jinkludi fih maħżen ieħor għall-armar, sala żgħira fil-pjan terran, entrance ħall u uffiċini, kmamar oħra għal-laqgħat u sala kbira fuq kollox. Il-proġett għadu fil-benniena tiegħu! Imma nittamaw li din is-sena nagħtu bidu għall-ewwel parti tal-bini tiegħu fuq spiża ta' madwar Lm10,000. Ma naqtgħux qalbna!

## IL-PROĠETT TAL-PITTURA FIL-KUNĊIZZJONI

Wara li tajna tagħrif dwar żewġ proġetti ta' valur pastorali u soċjali li minnhom tgawdi l-parroċċa kollha, insemmu wkoll proġett ieħor ta' valur artistiku u ta' ċerta mportanza għaż-żamma tal-prattika reliġjuża u t-tradizzjonijiet tagħna. Dan huwa l-proġett li nbeda' ftit snin ilu fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni u li nittamaw li jitlesta' sal-festa tal-Kunċizzjoni tas-Sena d-dieħla (1988), li hija għalina mhux biss Sena Marjana imma wkoll is-Sena Ċentinarja ta' l-istess Santwarju f'egħluq it-300 sena mit-twaqqif tal-parroċċa fl-istess Santwarju.

Qegħdin nirreferu għall-pittura u dekorazzjoni tas-saqaf, li nofsu ġa' tlesta u li qiegħed fl-aħħar fażi biex jitlesta.

Għalkemm ikollna nammettu li dan il-proġett sabiħ ġibed xi ftit fit-tul biex jitlesta, żgur li x-xogħol artistiku li sar b'delikatezza u serjetà ġibed l-ammirazzjoni ta' min għandu għal qalbu l-arti sagra u t-tradizzjonijiet tagħna.

L-idejat oriġinali dwar l-istorja tas-salvazzjoni mfissra mill-pittur magħruf Għawdxi Pawlu Camilleri Cauchi, u mhux anqas l-għażla ta' kuluri applikati fid-dekorazzjoni u indurazzjoni tas-saqaf mill-iskultur u statwarju popolari Michael Camilleri Cauchi, huma eżempju sabieħ ta' arti li sar s'issa jagħmel ġieh lil dawn iż-żewġ aħwa artisti, u kelma ta' apprezzament tmur ukoll lir-Rettur tas-Santwarju Dun Mikiel Buttigieg, u lil dawk il-voluntiera li ssagrifikaw il-ħin liberu tagħhom biex dan il-proġett jitwettaq. Mingħajr ix-xogħol bla ebda ħlas ta' voluntiera li ħadmu bil-qalb għal siegħat twal, żgur li dan il-proġett kien ikun għadu ferm lura, speċjalment fil-preparazzjoni tas-saqaf għaż-żebgħa, twaħħil ta' l-iskultura, u tlestija għall-induratura u pittura.

Fl-aħħarnett, kelma ta' ringrazzjament lill-Qalin kollha ta' qalb ġeneruża li jikkontribwixxu għall-ispejjes kbar ta' dan il-proġett u ta' kull opra oħra sabiħa li ssir fil-parroċċa tagħna. Dan kollu jfisser eluf kbar ta' liri. Forsi għal xi uħud dawn huma flus moħlija fix-xejn! Imma għal min tassew iħobb lil raħal twelidu u jrid il-parroċċa timxi 'l quddiem f'kull aspett, iħossu kuntent li minn dak li Alla jipprovdilu joffri s-sehem tiegħu. Hemm sodisfazzjon ieħor fil-ħsieb li aħna lil ta' warajna se nħallulhom wirt sabiħ li jagħmel unur lilna u lilhom, wirt li jibqa' jitgawda mal-medda taż-żmien kif ħallewlna missierijitna.











